

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 – pożizzjoni  
tal-Kunsill

(2010/C 250/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

— il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 kien adottat definittivament fis-17 ta' Diċembru 2009<sup>(3)</sup>,

— fit-18 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2010,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu waħdieni*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 kienet adottata fit-13 ta' Settembru 2010.

It-test sħiħ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel minn fuq il-websajt tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill**Il-President*

S. VANACKERE

(<sup>1</sup>) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u fil-ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

(<sup>2</sup>) ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 64, 12.3.2010.